**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' April, 2025**

Kawża Numru: 2/2022 (MPX)

**David Muscat (K.I. 218594M)**

**vs**

**Carmel Polidano (K.I. 351469M)**

__Preliminari__

It-Tribunal,

Ra l-avviż tal-attur, ippreżentat fil-21 ta' Jannar, 2022, fejn talab kif ġej:

> *"Tħallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u erba' u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,274.40c), dovuti għal xogħol ta' electrical installation li sar fi propjeta' tiegħek u fuq inkarigu tiegħek f'penthouse fl-Gharb Għawdex. Bl-imgħax skond il-Liġi. Bl-ispejjes ta' dan l-Avviz, tal-ittra uffiċjali 815/2021 tad-29 ta' Diċembru, 2021 u tal-Mandat ta' Sekwestru ippreżentat kontestwalment ma' dan l-avviż. Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni."*

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

1. *"Illi, preliminarjament il-konvenut m'huwiex debitur tar-rikorrenti.*
2. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ftit xogħol illi sar mir-rikorrenti ma kienx dak mitlub mil-konvenut, u ma sarx skont is-sengħa tal-arti, u għaldaqstant ikkawza inkonvenjenti kbar lill-konvenut.*
3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ftehim għal installazzjoni kompleta tal-elettriku kien ta' 25 Euro inkluz il-materjal għal kull point u l-VAT, fejn eventwalment il-konvenut ircieva kont illi kien aktar mid-doppju (kważi tripplu) ta' dak miftiehem.*

4. *Illi, mingħajr preġudizzju mhux talli 1-konvcnut ma huwiex debitur ta' Sur David Muscat, iżda David Muscat huwa debitur fil-konfront ta' Carmel Polidano hekk kif jirrizulta miLl-kontra talba illi saret quddiem dan it-tribunal mill-istess.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*BI-ispejjeż u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lil konvenut fil-liġi.*

Ra l-kontro talba tal-konvenut, li permezz tagħha talab kif ġej:

1. *Illi Carmel Polidano qabbad Iil Muscat David sabiex jaghmillu installazzjoni kompluta tal-clcttriku fil-fond imsemmi;*
2. *Illi apparti illi dan ix-xoghol ma sarx, Muscat David wieghed Iil Carmel Polidano illi dan ix-xoghol kcllu jitlesta sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Lulju tas-sena 2021. Illi mhux talli dan ix-xoghol ma tlestiex fit-tcrminu benn predefinit, izda dan baqa' ma tlestiex stante illi kellu jwaqqfu mill-lant tax-xoghol hekk kif sa Settembru kien ghadu ma ghamel I-ebda progress.*

3. *Illi, r-rikorrenti żamm iċ-ċavetta għandu u dan anke jekk kemm il-darba intalab illi jirritorna din l-istess lura, kemm tal-appartament, tal-komun u kif ukoll tal-garage.*
4. *Illi l-konvenut kellu persuni interessati illi jibdew jikru dan il-post, iżda hekk kif ix-xogħol baqa' ma sarx u l-ftit xogħol li sar ma sarx skont is-sengħa u kif ukoll baqa' jżomm iċ-ċavetta sal-ġurnata tal-lum huwa ma setgħax jikri dan il-post lil terzi.*
5. *Illi din il-penthouse kien miftiehem illi jikriha għal ammont ta' 400€ fix-xahar, illi minħabba illi dan it-tardanza l-inkwilini illi kienu interessati sabu post ieħor.*
6. *Illi għalhekk ma setgħax jikrih, u għaldaqstant minħabba din l-azzjoni l-konvenut tilef għallinqas sena kera illi tammonta għal erbgħa t'elef tmien mitt ewro.*

*Għaldaqstant il-konvenut, qiegħed umilment jitlob illi jiġi rifondat il-kirjiet kollha, illi jammontaw għal €4800 illi huwa tilef minħabba it-tardanza, in-nuqqas ta' xogħol u kif ukoll talli żamm iċ-ċavetta tal-konvenut.*

Ra r-risposta tal-kontro talba tal-attur, li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

*"Illi t-talbiet ta' Carmel Polidano huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi huwa Polidano li għandu jħallas lill-esponenti għax-xogħol li sar minnu u sallum għadu ma tħallas xejn. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

Ra l-atti kollha tal-process.

Ra x-xhieda tal-attur, moghtija minnu waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu, 2023, fejn qal illi l-konvenut kien qabbdu jaghmillu xoghol ta' elettriku fil-penthouse propjeta` tieghu, fl-Gharb, Ghawdex. Jghid illi huwa kien immarka kull fejn mehtieg, skont ix-xewqa tal-klijent, kien sar it-tqattiegh, u li x-xoghol kien lest biex jinghadda l-cabelling tad-dawl. Mistoqsi jerga' jispjega f'iktar dettall mil-legali tieghu, l-istess attur jghid illi x-xoghol li kien lahaq ghamel kien it-tqattiegh tat-trinek tal-post kollu, li kien hemm il-conduits tad-dawl mghoddijin kollha, kemm jinghaddew il-wajers.

Izid jghid li kien hemm xi preparazzjonijiet fit-terrazzjoni li l-konvenut kien behsiebu jaghmilhom iktar tard. L-attur jafferma li dan ix-xoghol sar kollu minnu, u li l-kont relattiv ghall-istess jammonta ghal elf, mija u erbgha u sebghin Ewro u erbghin centezmu. Jispjega illi l-konvenut ma kien ghadda l-ebda ammont bhala depozitu, u dan peress li kien hemm bejn il-partijiet gentleman's agreement. Jghid illi kienu ftehmu fuq certu prezzijiet, li kienu ta' €25 kull point, imma point kienet tkun lesta bil-wiring b' kollox, eskluzi is-switch u l-plakka, peress illi l-konvenut kien xtaq jaghmel xi haga iktar gholja, u mhux mix-xelta illi kellu l-attur. Izid jghid li kien ghalhekk li ftehmu fuq l-imsemmi prezz, b'dana illi s-switch u l-plakka kellhom jigu suppliti mill-konvenut.

L-attur jghid illi mill-kont mahrug minnu huwa ma thallas xejn. Jerga' jaghmel referenza ghal dak li tkellem dwaru qabel, u cioe` li bejn il-partijiet kien hemm gentleman's agreement, u jghid li meta kienu saru hafna mix-xoghlijiet u kien ipproceda biex jghaddi l-wajers, kien kellem lill-konvenut, fejn qallu li kien ser jghaddilu kwotazzjoni. Jghid li kien talbu jghaddilu pagament, biex jibqa' ghaddej bix-xoghlijiet, ghal-liema rikjesta l-konvenut oggezzjona bil-kbir, fejn jghid li kien ghamel xi nofs siegha mieghu fuq il-linja, bil-konvenut jghajru li kien halliel u mafja, u dan meta l-prezzijiet kienu dawk li xtaq l-istess konvenut.

Jghid illi f'dak il-punt huwa waqaf mix-xoghlijiet. Jispjegaa illi huwa kien baghat lill-konvenut kwotazzjoni tax-xoghlijiet kollha, voldieri tal-appartament lest, bid-distribuzzjoni, cables, minn fuq ghall-komun, kif ukoll bid-distribuzzjoni ta' isfel. Jghid li kien ikkwotalu wkoll ghad-dawl, fejn jahseb li hemm xi charge involuta.

Jghid illi l-kwotazzjoni ntbaghtet fil-15 ta' Settembru, 2021, u dan meta kien sar ammont sostanzjali mix-xoghol. L-attur jghid illi f'dak l-istadju huwa kien talab li jigi mghoddi nofs l-ammont indikat, mil-liema ammont, izda, ghadu ma thallas xejn. Jghid ukoll illi kien gie mgharraf minn habib tieghu li ma kienx fadallu iktar access

ghall-fond li fih kien esegwixxa x-xoghlijiet, peress li s-sid, cioe` l-konvenut, kien ghamel katnazz.

L-attur jghid illi l-konvenut qatt ma lmenta dwar ix-xoghol li kien twettaq minnu, u li d-dizgwid beda biss meta kien infurmah dwar kemm kienu ser jintela x-xoghol kollu, liema ammont il-konvenut ma riedx jaccettah.

Ra li wara din ix-xhieda l-attur ghalaq il-provi tieghu.

Ra x-xhieda tal-konvenut Carmel Polidano, moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' April, 2023. Jghid illi sar jaf lill-attur wara li ghal April, Mejju, tas-sena 2021 kien ghamel kuntatt ma' certa Simon Camilleri sabiex ilestilu penthouse li kien xtara fl-Gharb, Ghawdex, u ghal-liema kellu bzonn xoghol ta' kisi, installazzjoni tad-dawl u l-ilma, madum u affarijiet ohra. Jghid li Camilleri kien qallu li seta' jaqdieh f'kollox, minbarra fix-xoghol tad-dawl, u ghalhekk kien ghaddielu n-numru ta' *electrician*. Izid jghid li kien ghamilha cara li f'Settembru tal-istess sena ried jidhol fil-fond. Jghid li sabiex seta' jsir dan, ix-xoghol tad-dawl ried ikun lest sal-ahhar ta' Lulju.

Il-konvenut jasserixxi li l-ewwel kriterju li accetta li x-xoghol isir minn Muscat kien li jitlesta sal-ahhar ta' Lulju, filwaqt li t-tieni kriterju kien il-prezz specifiku ta' €25 kull *point*. Jghid li ma jiftakarx jekk l-imsemmi ammont kienx jinkludi VAT jew le, pero` huwa assuma li kellu jkun jinkludi l-VAT. Jghid illi ftehim bil-miktub ma kienx hemm, pero` li t-termini maqbula kienu gew diskussi kemm-il darba, u li l-ftehim ta' bejniethom kien gie kkonfermat fit-tielet gimgha ta' Awwissu quddiem terza persuna. Isostni li dak li kien talab hu kienet installazzjoni kompleta ta' servizz tal-elettriku, u mhux xi forma ta' process jew preparazzjoni ghall-installazzjoni.

Izid jghid li l-attur, ghaliex ried jiehu btala ta' tliet gimghat, abbanduna l-lant tax-xoghol. Jghid li lill-attur kien tah ic-cwievet fit-28 ta' Mejju, u dan kemm tal-fond,

kemm tal-katnazz, kif ukoll tal-garaxx, liema cwievet ghadhom ghandu. Ikompli jghid li fis-26 ta' Lulju l-attur ghamel gurnata xoghol u l-ghada l-konvenut dahal u ma sab xejn; qata' kull kuntatt. La sab lilu u lanqas l-ghodda. Jghid li l-attir kien biss qatta' xi ftit trinek,

Ra x-xhieda ta' Andrew Zarb, moghtija wkoll waqt is-seduta tat-13 ta' April, 2023, fejn qal illi huwa u l-konvenut ghamlu zmien jahdmu fl-istess ufficju, fejn saru hbieb, u l-konvenut kien stiednu jmur jara l-penthouse li ken qieghed jirranga gewwa l-Gharb, Ghawdex. Jghid li kien qallu li kellu problema bl-*electrician*. Jghid li fuq il-vapur kien beda jurilu xi messaggi skambjati mal-istess *electrician*, li kellu jlestilu x-xoghol sal-ahhar ta' Lulju. Jafferma li kuntatt mal-electrician huwa personali ma kellux. Jghid li l-konvenut kien spjegalu li suppost kellu jkollu d-dawl mghoddi u lest sabiex imbaghad warajh jahdem certa Simon, il-kuntrattur.

Izid jispjega li wara li kienu raw ix-xoghol, li jghid li kien hafna b'lura u li kien impossibbli li jitlesta sal-ahhar ta' Lulju, kienu marru ghand Simon il-kuntrattur, u dan tal-ahhar kien cempel lill-attur u dan mar jiltaqa' maghhom. Jikkonferma li jaghraf lill-istess attur fl-awla.

Ix-xhud jghid li dakinhar tal-laqgha, il-konvenut kien baxxa rasu mhux hazin, u dan peress li kien accetta li x-xoghol jitlesta sa nofs Settembru, u kien anke offra lill-attur jekk riedx xi haga bil-quddiem sabiex jincentivah ikompli jahdimlu. Jghid li dan kollu gie miftiehem fil-prezenza ta' Simon Camilleri. Jghid li dan kien ftiehem mibni iktar fuq bazi ta' hbiberija, u ma sarx bil-miktub. Izid jghid li l-mod li bih kien tkellem l-attur dakinhar kien tah l-impressjoni li kellu kull intenzjoni jonora l-istess ftehim. Jghid ukoll li kienu qablu li kull point kellha tkun versu l-ammont ta' €25.

Mistoqsi mit-Tribunal dwar min kellu jhallas il-materjal, ix-xhud jghid li minghalih li l-konvenut kien offrielu li jhallsu, u kienet intuzat xi kelma teknika dwar xi haga

partikolari li ma jiftakarx x'kienet, pero` jghid li l-ftehim kien li jitlesta x-xoghol u jsir il-hlas. Jghid li wara l-laqgha ghadda ftit iktar zmien, ghall-habta ta' Santa Marija, x-xoghol kien baqa' kif kien f'Lulju. Jghid li f'dak l-istadju l-konvenut xtaq jiehu lura f'idejh ic-cwievet tal-fond.

Ix-xhud jghid ukoll illi fis-16 ta' Settembru kien ha filmat, li nuri bic-car kif kien il-fond f'dik id-data. Jghid illi l-art tal-fond kienet kollha zrar, bil-pajpijiet jidhru ghaddejjin ghaliex kien ghadhom ma tefghux it-torba, u s-*switches* kollha miftuhin. Jghid li wajers ghaddejjin ma kienx hemm. Jispecifika illi l-kaxxi kienu hemm, izda kien jonqos li jinghaddew il-wajers u titwahhal il-parti ta' barra.

In kontro-ezami, jghid li ma jiftakarx jekk lejliet meta ha l-filmat l-attur kienx talab hlas lill-konvenut. Jghid illi l-konvenut kien qed jilmenta mill-fatt li x-xoghol baqa' ma tlestiex, u kien qed ihoss li l-attur kien qed jghaddih biz-zmien. Jghid li kien ilmenta mieghu wkoll dwar il-fatt li kien hemm xi pajpijiet mal-art li kienu maqrusin, liema pajpijiet jghid li jidhru fil-filmat. Izid jghid li meta kien mar hu fuq is-sit, fis-16 ta' Settembru, it-trinek kienu kollha mqattghin. Jghid li t-torba u l-madum kellu jaghmilhom Simon. Ix-xhud jghid li minn wara d-data tal-filmat ma regax mar fuq il-post.

Ra l-filmat li gie esebit.

Ra x-xhieda li x-xhud Andrew Zarb ta fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2023, fejn jghid illi l-vidjow li gie pprezentat hadu huwa stess bil-mowbajl tieghu f'nofs Settembu, 2021. Jghid li hadu fuq inizjattiva tieghu, ghal li jista' jinqala', u peress li x-xoghil kien ghadu mhux fil-fazi miftiehma.

In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi fil-filmat jidher li hemm kwantita` ta' trinek imqattghin fil-hajt, u jaqbel illi f'dawn l-istess trinek kien hemm impoggija l-pajpijiet.

Jghid li jaqbel ukoll illi kien hemm imqattghin fil-hajt il-kaxxi fejn tidhol il-kaxxa tas-*switches*. Ma jiftakarx jekk il-parti ta' wara tal-kaxxa tas-switches kinitx impoggija kull fejn kien hemm plakka tas-switches, pero` jghid li ma jinnegahiex. Jaqbel addizzjonalment li fl-art kien hemm il-pajpijiet ghaddejjin, u li eventwalment jigu taht l-irdim u l-madum. Jafferma li kien hemm ammont ta' xoghol li sar, u ammont iehor ta' xoghol li ma sarx.

Ra x-xhieda tal-attur, moghtija fis-16 ta' Mejju, 2023, flimkien mad-dokumenti hemm esebiti.

Ra x-xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2023;

Ra l-atti processwali kollha.

Ikkunsidra:

Illi kif jirrizulta mill-assjem tax-xhieda, l-attur David Muscat, permezz ta' dan l-avviz, qieghed jitlob li jigi mghoddi lilu hlas ghal xoghol fid-dawl esegwit fil-fond propjeta` tal-konvenut, Carmel Polidano, fuq inkarigu tieghu. Min-naha tieghu, il-konvenut jeccepixxi illi x-xoghol in kwistjoni ma kienx skont dak miftiehem, u li kien hemm xoghol li ma kienx skont ma titlob l-arti u s-sengha. Jargumenta wkoll illi l-ammont maqbul kien dak ta' €25 kull point, mentri l-ammonti ndikati fuq il-kont huma iktar mid-doppju ta' dak miftiehem.

L-istess konvenut iressaq ukoll kontro-talba, li permezz taghha jitlob li jigi mghoddi mill-attur l-ammont ta' €4800, rapprezentanti kirjiet li huwa tilef minhabba tardivita` fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet, nuqqas ta' xoghol, kif ukoll minhabba z-zamma tac-cavetta mill-attur.

Minn ezami tax-xhieda prodotta, irrizulta lit-Tribunal li l-attur wettaq, effettivament xoghol fil-fond propjeta` tal-attur, konsistenti fit-tqattigh ta' trinek, tpoggija ta' pajpijiet, u fit-tqieghid tal-kaxxi tas-*switches*. Dan kemm minn dak li jixhed dwaru l-istess attur, kif ukoll kif ikkonfermat mix-xhud Andrew Zarb. Mix-xhieda jirrizulta wkoll illi, filwaqt li l-konvenut isostni li min-naha tal-attur kien hemm ftehim verbali li ma giex onorat mill-attur, l-attur min-naha tieghu jasserixxi li dak li kellu jkun esegewit minnu sa dak l-istadju, kien sar, u fil-fatt seta' jsir wara tali xoghol xoghol iehor minn terzi persuni li kellhom iwettqu xoghol fuq l-istess lant, wara liem seta' jipprocedi bl-inkarigu moghti lilu. Jirrizulta wkoll li nqala' dizgwid fil-mument li l-attur ghadda kwotazzjoni lill-konvenut, fejn talbu jghaddilu 50% tal-ammont hemm indikat. Min-naha tieghu l-konvenut baqa' jsostni li l-hlas, in linea ma' dak verbalment maqbul fil-prezenza ta' Simon Camilleri u ta' Andrew Zarb, kellu jinghadda kollu fl-ahhar, filwaqt li min-naha tieghu l-attur ghamilha cara li kemm-il darba ma kienx ser jigi mghoddi lilu l-hlas mitlub, huwa ma kienx lest jissokta bix-xoghlijiet.

Ikkunsidra ultirjorment:

It-Tribunal ha pjena konjizzjoni tal-kont rilaxxjat mill-attur, li fuqu hija essenzjalment imsejsa din il-kawza, u dan fl-ammont ta' €1274.40, VAT inkuza. Ra wkoll il-kwotazzjoni, inkorporanti l-ammont globali dovut gialadarba x-xoghlijiet ikunu gew kompletati, fejn, allura, kull *item* huwa ndikat oghla mill-ammont imnizzel fuq l-*invoice*, stante li jkun jinkludi xoghol li fl-istadju tar-rilaxx tal-*invoice* kien ghadu ma twettaqx. Fil-fehma tat-Tribunal, l-ammont maqbul bejn il-partijiet ghal kull *point*, u cioe` dak ta' €25 jidher rispekkjat fuq iz-zewrg dokumenti. Kif legittimament mistenni, hemm xoghol li ghalih intalab hlas oghla mill-ammont ta' €25, liema xoghol, pero`, ma jikkonsistix f'*points*. Mix-xhieda prodotta, jemani biss ftehim dwar il-hlas tal-*points*, u mhux ghal xoghol iehor.

It-Tribunal jinnota wkoll li, minkejja dak allegat fir-risposta tal-konvenut dwar in-natura tax-xoghol esegwit, u cioe` li ma kienx interament maghmul skont l-arti u s-sengha, tali allegazzjoni tithalla ghal kollox imnezza' minn evidenza sopportanti l-istess. Mhux biss ma gie prodott jixhed l-ebda haddiem iheor li wettaq xoghol fid-dawl in segwitu ta' dak maghmul mill-attur, talli ma tressqet lanqas l-ebda prova ta' kontijiet imhallsa lill-istess li setghu b'xi mod jindikaw xi xoghol rimedjali li seta' twettaq, dejjem jekk dan sar.

Similment, minkejja li fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jitlob hlas ghall-kirjiet mitlufa, huwa jonqos milli jipproduci provi in sostenn ta' dan. La gew esebiti rikjesti ghall-kera tal-fond, u/jew xi ftehim indikanti l-istess, u wisq inqas prova tal-ammont mensili versu liema l-istess fond seta' nkera. Sussegwentement, it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba u jattribwixxi ammont ghal dan. Minn dak li xehed dwaru l-istess konvenut, ma hemm xejn x'jindika li jekk l-attur seta' zamm ghandu c-cavetta moghtija lilu huwa gie b'xi mod prekluz milli jaccedi fil-fond propjeta` tieghu, tant li fil-fatt jikkonferma li dahlu terzi li komplew ix-xoghlijiet. Pjuttost jirrizulta illi l-attur kien prekluz milli jaccedi fuq is-sit u jkejjel ix-xoghol maghmul minnu, stante li l-konvenut ghamel katnazz. Ghaldaqstant, it-Tribunal ser jghaddi biex jichad ukoll it-talba relattiva.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm maghmula, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kawza billi:

(a) Jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur l-ammont ta' elf, mitejn u erba' u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,274.40c), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-effettiv pagament;

(b) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

(c) Jichad it-talbiet tal-konvenut hekk kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu u per konsegwenza ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut.

L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom ikunu a spejjez tal-konvenut.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
Ġudikant

(ft.) Martina Axiak
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur